REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1282/2014

tat-2 ta' Diċembru 2014

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 180/2014 f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwantitajiet massimi ta' prodotti pproċessati li jistgħu jiġu esportati jew konsenjati mir-reġjuni ultraperiferiċi Spanjoli u Franċiżi u l-pajjiżi terzi kkonċernati

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu

Billi:

(1) L-Artikolu 15(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 180/2014 ([2]) jipprovdi l-possibiltà għall-operaturi li jesportaw, fil-kuntest ta' flussi tal-kummerċ tradizzjonali jew tal-kummerċ reġjonali, u li jikkonsenjaw, fil-kuntest ta' flussi tradizzjonali ta' kummerċ, prodotti pproċessati li fihom materja prima li bbenefikat mill-arranġamenti speċifiċi ta' provvista kif imsemmi fl-Artikolu 10 tar- Regolament (UE) Nru 228/2013. Il-proċessuri li beħsiebhom jesportaw jew jikkonsenjaw dawk il-prodotti f'dan il-kuntest jistgħu jagħmlu dan fil-limiti tal-kwantitajiet annwali indikati fl-Annessi II sa V tar-Regolament (UE) Nru 180/2014. Il-lista ta' pajjiżi terzi li lejhom jistgħu jiġu esportati dawk il-prodotti hija stabbilita fl-Anness VI ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(2) L-awtoritajiet Franċiżi talbu lill-Kummissjoni tadatta l-lista fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 180/2014 fir-rigward ta' Martinique billi taqleb il-kwantitajiet massimi ta' prodotti pproċessati li jikkorrispondu għall-kodiċijiet NM 0403 10 u NM 1101 00 u billi żżid il-kwantitajiet għall-prodotti korrispondenti għall-kodiċijiet NM 2202, NM 2105 u NM 2007. Għall-Gwadelup, talbu lill-Kummissjoni tadatta din il-lista billi taqleb il-kwantitajiet massimi għall-prodotti li jikkorrispondu għall-kodiċijiet NM 1101 00 u NM 2309 90, u billi żżid il-kwantitajiet għall-prodotti li jikkorrispondu għall-kodiċi NM 0402 10 u NM 2007, 2008 u 2009. Talbu wkoll li jiżdiedu pajjiżi terzi ġodda għal Martinique u għall-Gwadelup fil-lista fl-Anness VI ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(3) Il-kwantitajiet massimi ta' prodotti pproċessati li jistgħu jiġu esportati jew jintbagħtu kull sena mill-Gżejjer Kanarji fil-kuntest tal-esportazzjonijiet u tal-konsenji tradizzjonali huma stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 180/2014 u l-kwantitajiet li jistgħu jiġu esportati kull sena mill-Gżejjer Kanarji fil-kuntest tal-kummerċ reġjonali huma stabbiliti fl-Anness V ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(4) L-awtoritajiet Spanjoli talbu lill-Kummissjoni biex tissimplifika l-listi fl-Annessi IV u V tar-Regolament (UE) Nru 180/2014 billi jingħaddu flimkien il-kwantitajiet ta' prodott ipproċessat li jikkorrispondu għas-subintestaturi relatati mal-kodiċijiet NM 1806 u NM 1905.

(5) Għalhekk ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 180/2014 għandu jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Pagamenti Diretti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 180/2014

L-Annessi II, III, V u VI tar-Regolament (UE) Nru 180/2014 huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 78, 20.3.2013, p. 23.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 180/2014 tal-20 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni (ĠU L 63, 4.3.2014, p. 13).

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2014.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

L-Annessi II, IV, V u VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 180/2014 huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness II, it-Tabelli għal Martinique u għall-Gwadelup huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Martinique

(Il-kwantità f'kilogrammi (jew f'litri))*

Il-kodiċi tan-NM	Lejn l-Unjoni	Lejn pajjiżi terzi
0403 10	—	77 500
1101 00	—	199 500
2309 90	—	102 000
2202	229 000	5 500
2105	146 000	—
2007	1 000	500

Il-Gwadelup

(Il-kwantità f'kilogrammi (jew f'litri))*

Il-kodiċi tan-NM	Lejn l-Unjoni	Lejn pajjiżi terzi
0402 10	45 000	—
1101 00	—	128 000
2309 90	—	522 000
2007-2008-2009	4 000	—"

(2) L-Anness IV huwa emendat kif ġej:

(a) il-linji li jikkorrispondu għas-subtitli 1806 10, 1806 20, 1806 31, 1806 32 u 1806 90 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1806	490 500	265 000"

(b) il-linji li jikkorrispondu għas-subtitli 1905 20, 1905 31, 1905 32, 1905 40 u 1905 90 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1905	916 500	878 000"

(3) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) il-linji li jikkorrispondu għas-subtitli 1806 10, 1806 31, 1806 32 u 1806 90 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1806	266 000"

(b) il-linji li jikkorrispondu għas-subtitli 1905 31 u 1905 32 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1905	225 000"

(4) Il-parti tal-Anness VI li jikkonċerna d-dipartimenti ultraperiferiċi Franċiżi hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Réunion**: il-Mawrizju, il-Madagaskar u l-Komoros

Martinique: L-Antilli Minuri (*), is-Surinam u Ħaiti

Il-Gwadelup: L-Antilli Minuri, is-Surinam u Ħaiti

Il-Gujana Franċiża: il-Brażil, is-Surinam u l-Gujana

(*) L-Antilli Minuri: il-Gzejjer Verġni, Saint Kitts u Nevis, l-Antigwa u Barbuda, Dominika, Santa Luċija, Saint Vincent u l-Grenadini, il-Barbados, Trinidad u Tobago, Sint Maarten, Angwilla."